MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2011

Avviz Numru. 11/2011

**Vodafone Malta Limited (C 10865)**

**Vs**

**Mon Maritime Company Limited (C 42880)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas ta' sebat elef hames mija tmienja u hamsin Ewro u tnejn u hamsin centezmu (€7,558.52) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta’ attrici bhala hlas ta’ servizzi u prodotti pprovduti lis-socjeta’ konvenuta abbazi ta’ ftehim bejn il-kontendenti (vide rendikonti annessi mal-avviz u mmarkati bhala ‘Dok A’ sa ‘Dok P’) illi ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet interpellata diversi drabi b’talba ghall-pagament effettiv, is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti ghal tali talba, ghalhekk l-ammont ghadu dovut sallum.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru u ta’ qbid pprezentati mal-avviz, u bl-imghax legali mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx fil-11 ta' Mejju 2011 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ €7,558.52 bl-imghax legali ‘a scaletta’ dovut skond l-annessi dokumenti markati Dok A sa Dok P sad-data inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji ta’ qbid u ta’ sekwestru tat-12 ta’ Jannar 2011.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------